MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 189/2009

**Integrated Electronics Limited (C 14470)**

**Vs**

**Colourprint Limited (C39758)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' sitt elef disa' mija u erbgha u tletin Ewro (€6,934.66) rapprezentanti l-bilanc ta' servizzi skont statement anness u mmarkat Dok A, flimkien mal-ispejjez ta' mandat ta' sekwestru 1454/2009, l-ispejjez ta' din l-istanza kif ukoll l-imghaxijiet skond il-ligi inkluzi dawk skond l-Avviz Legali numru 233 tas-sena 2005, sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 9, fol 10 u fol 11 tal-istess atti kif ukoll l-anness Dok A a fol 2 ibid.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-3 ta' Frar 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €6,934.66 bl-imghaxijiet skont il-ligi inkluzi dawk skont l-Avviz legali numru 233 tas-sena' 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri inkuzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1454/2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------